# San Ġorġ Preca Saċerdot Qaddis

### *Ivan Farrugia mill-Museum tas-Subien, Għajnsielem*



San Ġorġ Preca, jew kif inhu magħruf fostna l-Maltin: Dun Ġorġ sar qaddis billi għex tajjeb il-ħajja saċerdotali li Alla sejjaħlu għaliha.

Bħala saċerdot, Dun Ġorġ kien jamministra s-sagramenti, speċjalment dawk tal-Ewkaristija u tal-Qrar. Hu stess jirrakkonta li hekk kif ġie ordnat saċerdot, kien iqaddes filgħodu kmieni u wara jinġabar fil-kamra tal-bejt tad-dar tiegħu jitlob, jimmedita u jipprepara ruħu għall-quddiesa tal-għada. Din l-imħabba lejn il-Quddiesa baqgħet matul ħajtu kollha. Infatti l-quddiesa tiegħu normalment kienet tieħu aktar ħin minn ta' saċerdoti oħra peress li hu kien jagħmel kollox bil-galbu u bil-ġabra. Meta kien hemm min ġibidlu l-attenzjoni dwar dan, hu qallu: *Int meta tkun ma' ħabib tiegħek tkun mgħaġġel?*

Bħala saċerdot, Dun Ġorġ kien jiddedika ħafna ħin għall-qrar fil-konfessjonarju. Kien ukoll jilqa' n-nies li kienu jmorru għandu d-dar biex jitolbuh parir. Min jaf kemm nies qarrew għand Dun Ġorġ jew marru għandu biex jitolbuh direzzjoni dwar il-ħajja tagħhom, dwar il-futur tagħhom, dwar membri tal-familja tagħhom. U hu, bħala saċerdot li kellu għal qalbu l-poplu ta' Alla, kien jilqa' lil kulħadd.

Dun Ġorġ kien ukoll saċerdot li jħobb jitlob. Hafna drabi dan kien jagħmlu b'mod personali u fil-moħbi. Filgħaxija, meta s-sagristan kien ikun se jagħlaq il-knisja ta' San Gejtanu, Dun Ġorġ ġieli kien joqgħod jgħinu jiġbor is-siġġijiet. Imbagħad kien jitolbu biex iħallih fil-knisja waħdu. U hemm Dun Ġorġ kien iqatta' ħafna ħin ta' adorazzjoni u talb quddiem Ġesu' Ewkaristija.

Fuq dan kollu, Dun Ġorġ ħa bis-serjeta is-sejħa tiegħu ta' saċerdot għalliem tal-poplu. Ġera' ma' Malta kollha jipprietka u jagħmel is-Sajdat Museumini. Kiteb bosta kotba ta' tagħlima għal kulħadd. U fuq kollox waqqaf is-Soċjeta' tal-Museum biex Ġesu' jkun magħruf u maħbub.

Għalhekk mingħajr dubju nistgħu ngħidu li Dun Ġorġ għex il-ħajja saċerdotali tiegħu b'mod eżemplari u qaddis.

Matul din is-sena ddedikata lis-saċerdoti, ejjew nitolbu għas-saċerdoti kollha, b'mod speċjali dawk tal-parroċċa tagħna u dawk tad-Djoċesi tagħna biex ifasslu l-ħajja saċerdotali tagħhom fuq dik ta' Dun Ġorġ. Ejjew nitolbu wkoll għas-seminaristi tagħna biex Dun Ġorġ ikun is-saċerdot mudell għalihom.

Jalla, bl-interċessjoni ta' Marija Santissima, omm Ġesu' s-saċerdot qaddis u etern, u bl-interċessjoni ta' San Ġorġ Preca, is-saċerdot qaddis, ikollna aktar saċerdoti qaddisin.

Minn qalbna nawguraw lil kulħadd il-festa t-tajba.

